# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 908/10 JZM**

**Angela Debattista, u t-tfal taghha Nazzareno sive Rennie Debattista, Godwin Debattista, Ronald Debattista u Isabelle Debattista**

**v.**

**Joanne Debattista; u b'digriet tat-28 ta' Frar, 2011 gew nominati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D. u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bhala kuratur ghall-assenti konvenuta Joanne Debattista; u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2011 gie revokat id-digriet tat-28 ta' Frar, 2011 u gie mahtur l-Avukat Dr. Christian Grima bhala mandatarju ghall-assenti konvenuta Joanne Debattista; u b'digriet tal-1 ta' Ottubru, 2019 gew nominati l-Avukat Dr. Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta Joanne Debattista u dan minflok l-Avukat Dr. Christian Grima**

Preliminari:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza tas-27 ta'

Marzu 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta appellata u tilqa' t-talbiet tagħhom kif dedotti fir-rikors promutur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti ser tirriproduċi l-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata:

**"Il-Qorti:**

**"<u>I. Preliminari</u>**

**"<u>Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Settembru 2010 li jaqra:</u>**

1. "Illi permezz ta` testament ta` nhar it-2 ta` April 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia, l-attrici Angela Debattista u zewgha Joseph Debattista – kopja ta` liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument D1" – hallew diversi legati, u nnominaw u istitwew eredi universali taghhom, proprjetarji assoluti u padruni tal-gid kollu taghhom li ghandhom lill-uliedhom kollha u cioe` Nazzareno sive Rennie Debattista, Isabelle Debattista, Godwin Debattista u Ronald Debattista – l-atturi l-ohra – u ohthom Joanne Debattista – il-konvenuta;

2. "Illi dan huwa l-ahhar testament illi ghamlu Angela u zewgha Joseph Debattista;

3. "Illi Joseph Debattista, ir-ragel tal-attrici Angela Debattista, miet nhar is-6 ta` Ottubru 2004, kif jidher mic-certifikat tal-mewt tieghu, hawn anness u mmarkat bhala "Dokument D2";

4. "Illi fl-ghaxar (10) artikolu ta` tali testament jinghad illi:

*"It-testaturi jridu u jordnaw li fil-kaz li xi hadd mill-eredi hawn fuq imsemmija ma jaghtix il-kunsens tieghu meta jkun mehtieg u/jew jekk xi hadd mill-imsemmija eredi jipprova b`xi mod jattakka kwalunkwe parti ta` dan it-testment taghhom u/jew jaqla` l-inkwiet, huwa jiddekadi mill-beneficcji kollha lilu mhollija f`dan it-testment u jiehu biss il-legittima skond il-ligi" ;*

5. "Illi l-konvenuta Joanne Debattista holqot inkwiet serju fil-familja u dana peress illi nhar l-20 ta` Marzu 2009, permezz ta` att ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, l-intimata Joanne Debattista, ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici a favur ta`

certu Braden Mamo fis-somma komplessiva ta` sitta u ghoxrin elf Euro (€26,000), u kkostitwiet bhala garanzija ghall-hlas tal-imsemmija somma, ipoteka specjali fuq is-sehem ta` wiehed minn ghaxar partijiet (1/10) indivizi jew kull sehem iehor li jista` jkollha mill-fond "*La Brise Marine*", qabel jisimha "*Villa Rosdemar*" bla numru, li qieghda fi Triq it-Trunciera, Qawra, liema proprjeta` mhijiex proprjeta` tal-konvenuta izda hija proprjeta` tal-kontendenti u dana in kwantu ghal nofs indiviz tal-attrici Angela Debattista u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor proprjeta` komuni tal-kontendenti wara l-mewt ta` missierhom. Il-proprjeta` hija wkoll soggetta ghall-uzu u uzufrutt ghaf-favur l-attrici Angela Debattista;

6. "Illi sussegwentament ghal dan, sahansitra nbdew proceduri ta` subbasta fuq l-imsemmija proprjeta`, liema proceduri ghadhom ghaddejjin sa llum, minkejja illi l-esponenti qeghdin jippruvaw jottjenu s-sospensjoni taghhom pendenti l-ezitu ta` kawza illi ghamlu sabiex, fost affarijiet ohra, tigi kancellata l-ipoteka iskritta fuq l-istess proprjeta` u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza ;

7. "Illi apparti dana kollu, il-konvenuta Joanne Debattista holqot ukoll l-inkwiet fil-familja peress illi hija ddejnet ma` nies ohra, kif jirrizulta mir-ricerki taghha u ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fosthom ma` certu Carmel Zammit illi l-konvenuta kkostitwiet ukoll ipoteka specjali fuq il-propjeta` hawn fuq deskritta minghajr ma kellha ebda jedd taghmel dan u ghalhekk l-esponenti kellhom ghal darb`ohra jipprocedu b`kawza sabiex dik l-ipoteka tigi kancellata. Il-konvenuta ddejnet ma` xi nies ohra illi mhux l-ewwel darba li marru fil-post tan-negozju tal-atturi u b`theddid u mgieba ohra intimidanti talbuhom il-flus allegatament dovuti minghand il-konvenuta;

8. "Illi dana kollu holoq u ghadu qieghed jikkaguna inkwiet serju lill-atturi b`mod partikolari lill-attrici Angela Debattista li llum ghandha 'l fuq minn sebghin (70) sena;

9. "Illi ghalhekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcji kollha lilha mhollija fl-ahhar testament tad-defunt Joseph Debattista u ma jispettaha xejn hlief is-sehem rizervat skond il-ligi;

10. "Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

11. "Illi dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment.

"Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:

1. "Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imgieba u l-agir tal-konvenuta Joanne Debattista holoq inkwiet lill-familja Debattista;

2. "Tiddikjara u tiddeciedi illi in vista ta` dan, il-konvenuta Joanne Debattista iddekadiet mill-beneficcji kollha lilha mhollija fl-ahhar

testment ta` missierha Joseph Debattista u dana ai termini tal-ghaxar (10) artikolu tattestment fl-atti tan-Nutar Dotto Joanne Lia ta` nhar it-2 ta` April 2004;

3. “Tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi l-konvenuta Joanne Debattista ma jmissha xejn taht l-imsemmi testment hlief is-sehem rizervat skond il-ligi;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

**“Rat ir-risposta guramentata ta` Dr Christian Grima bhala mandatarju tal-assenti konvenuta li kienet prezentata fis-27 ta` April 2011 u taqra hekk** –

1. “Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respenti bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi mhux minnu illi l-agir tal-esponenti kien tant illi ai termini tal-Artiklu Ghaxra (10) tat-Testment tal-mibki missierha Joseph Debattista, l-esponenti ddekadiet mill-beneficcji lilha mhollija fl-istess testment, dana kollu kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. “Illi ghaldaqstant, l-esponenti Joanne Debattista m`ghandhiex tippercepixxi s-sehem rizervat skond il-ligi izda l-kwota ereditarja lilha mhollija skond it-testment imsemmi.

3. “Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

*“…omissis….*

**“Ikkunsidrat:**

**“III. Risultanzi**

“Kienu l-atturi biss li ghamlu sottomissjonijiet tal-ahhar. L-atturi qeghdin jinvokaw l-applikazzjoni ta` l-ghaxar (10) artikolu tat-testment unica charta ta` bejn l-attrici Angela Debattista u zewgha llum mejjet Joseph Debattista fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia tat-2 ta` April 2004. Huma jikkontendu illi, bl-imgieba taghha, il-konvenuta gabet fis-sehh dik id-disposizzjoni testamentarja, principalment ghaliex skond l-atturi bl-atti li ghamlet ippregudikat negattivament il-wirt ta` Joseph Debattista. In sostenn tal-pretensjoni taghhom l-atturi jaghmlu riferenza ghal sentenza wahda u cioe` dik tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Gunju 1957 fil-kawza “**Paolo Zammit vs Rosa Zammit”.**

“Id-disposizzjoni testamentarju in kwistjoni taqra hekk –

> *"It-testaturi jridu u jordnaw li fil-kaz li xi hadd mill-eredi hawn fuq imsemmija ma jaghtix il-kunsens tieghu meta jkun mehtieg u/jew jekk xi hadd mill-imsemmija eredi jipprova b'xi mod jattakka kwalunkwe parti ta' din ittestment taghhom u/jew jaqla` l-inkwiet huwa jiddekadi mill-beneficcji kollha lilu mhollija f'dan it-testment u jiehu biss il-legittima."*

"Mis-sentenza "**Paolo Zammit vs Rosa Zammit**" citata mill-atturi, il-parti rilevanti ghall-kawza tal-lum hija dik fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

> "*Il-klawsola komminatorja li tikkommina d-dekadenza tal-beneficcju mil-liberalitajiet lilu maghmula fit-testment jekk huwa b`xi mod jattakka l-istess testment hija valida sakemm ma tkunx kuntrarja ghal-ligi jew ghall-ordni pubbliku jew ghall-morali ; imma dan ma jfissirx illi l-beneficjarju jinkorri f`dik id-dekadenza jekk huwa jinsisti li legat ta` haga ta` haddiehor jigi interpretat mill-Qorti skond il-ligi. Dik il-klawsola komminatorja ma ghandhiex tigi estiza b`tali mod li l-beneficjarju jkolllu joqghod ghat-testment bla diskussjoni xejn jew jinkorri fid-dekadenza ; u bil-fatt li persuna persuna benefikata bit-testment titlob interpretazzjoni ta` legat ta` haga aljena u tinvoka n-nullita` tieghu dik ilpersuna ma tiddekadix mil-liberalitajiet lilha mhollija bit-testment u fid-dekandenza komminata ghal min jimpunja t-testment.*"
>
> (sottolinear ta` din il-Qorti).

"Diga` minn dan il-bran tohrog cara l-kawtela tal-qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta` klawsoli ta` din ix-xorta ; in partikolari fl-ewwel lok, il-htiega li jassikuraw li klawsola bhal dik ma tkunx kontra l-ligi, kontra l-ordni pubbliku jew kontra l-morali ; u fit-tieni lok, il-htiega li klawsoli bhal dawn jinghataw interpretazzjoni stretta sabiex ikun rispettat dak li t-testatur ried jikseb bil-klawsola in kwistjoni.

"Kien dejjem ritenut mill-qrati taghna li l-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u li meta disposizzjoni testamentarja hija cara din ghandha tinghata effett. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-16 ta` April 2004 fil-kawza "**Maryrose Mifsud vs Av. Dr. Joseph Bartolo noe**" –

> *"Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett."*

"Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Rose Alden pro et noe vs Raphael Pace"** din il-Qorti (PA/PS) qalet hekk –

> *"Dan premess, hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. "Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che*

*le parole del testamento importino' - "**Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et**". 13 ta' Gunju 1888 (**Vol. XI pag. 633**). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "**Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia**", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;*

*"Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi "quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urto tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera pero fondarsi su cio` che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sara` luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per se` stessa o messa in confronto con tutto il contesto" - "**Camilla Mallia -vs- Carlo Mamo et",** Appell Civili, 2 ta' Mejju 1921 (**Vol. XXIV P I p 729**);*

**"Fil-konsiderazzjoni tal-klawsola mertu ta` din il-kawza, il-Qorti tibda billi tirrileva fil-kaz tal-lum il-konvenuta mhijiex tikkontesta l-validita` tal-artikolu 10 bhala tali. Infatti ma ressqet l-ebda eccezzjoni fejn eccepiet in-nullita` tal-artikolu 10. Min-naha taghha lanqas din il-Qorti ma jidhrilha li ghandha tissolleva n-nullita` tad-disposizzjoni ghal ragunijiet ta` ordni pubbliku, anke ghaliex l-effett tal-artikolu 10 mhuwiex li jaqta` barra eredi minn xi dritt vis-sa-vis l-wirt izda li l-persuna koncernata ma tibqax eredi u ssir legittimarja.**

"Fil-kawza tal-lum, il-kwistjoni kollha hija: i) x`riedu jolqtu t-testaturi fl-imgieba tal-eredi sabiex tiskatta l-klawsola 10; u ii) x`irrizulta bhala prova visà-vis l-artikolu in kwistjoni.

"Meta tigi inserita go testment klawsola ta` din ix-xorta, beneficjarju jista` jiddekadi mid-drittijiet li jikseb permezz ta` dak it-testment jekk bl-imgieba tieghu jimmina dak it-testment. Fit-testment taghhom, huwa evidenti li bl-artikolu 10 dak li Joseph u Angela Debattista riedu jippenalizzaw kien l-agir ta` xi hadd mill-eredi fir-rigward tat-testment fil-kazi specifikati fl-istess artikolu. Il-*common denominator* huwa t-testment.

"L-argument tal-atturi huwa li bil-vizzju ikrah tal-loghob li kellha u bil-konsegwenzi anke finanzjarji negattivi li gab mieghu, il-konvenuta gabet l-inkwiet fil-familja u ghalhekk m`ghandhiex tibqa` eredi u tiehu biss il-legittima. Mhuwiex kontestat li l-konvenuta ghandha vizzju serju hafna tal-loghob. Ghalkemm dejjem sabet l-appogg tal-atturi sabiex tirkeb il-vizzju, il-konvenuta baqghet toghdos fil-vizzju sakemm kienet kostretta thalli Malta biex tahrab mill-kredituri taghha. Dan kollu mhuwiex in diskussjoni.

"Pero` fil-fehma tal-Qorti b`"inkwiet" fit-testment taghhom it-testaturi ma kienux qeghdin jirreferu ghall-problema tal-loghob tal-konvenuta. Jekk mhux ghal li sejra tghid il-Qorti aktar `il quddiem minhabba fatt wiehed li mhuwiex kontestat u cioe` illi meta Joseph u Angela Debattista ghamlu t-testment taghhom fl-2004, il-konvenuta kien diga` kellha l-

vizzju tal-loghob. Infatti Angela Debattista tixhed illi l-konvenuta kellha l-vizzju tal-loghob tal-azzard sa minn meta kellha ghoxrin (20) sena. Il-konvenuta twieldet fl-1974. Kieku meta ghamlu t-testment it-testaturi riedu jiehdu mizura minhabba l-vizzju tal-loghob li kellha l-konvenuta ma kienux ihallu ghall-interpretazzjoni jekk dak il-vizzju kienx ighodd bhala ”inkwiet” ghall-fini tal-artikolu 10 izda kienu jsib rimedju effettiv billi minhabba dak il-vizzju jeskludu mill-ewwel lill-konvenuta milli tkun eredi u jhallulha biss il-legittima ; u kien ikollhom kull dritt li jaghmlu hekk.

“Fil-fehma tal-Qorti, id-dicitura tal-klawsola surriferita huwa car. It-testaturi semmew tlett cirkostanzi fejn kellha tiskatta d-dekadenza. L-ewwel cirkostanza huwa jekk l-eredi ma jaghtix il-kunsens tieghu. Din hija cirkostanza li tinqala` meta per ezempju l-eredi l-ohra jkunu jixtiequ jbieghu mmobbli li huwa parti mill-eredita` u l-eredi li jkun ma jaghtix l-kunsens tieghu sabiex isir tali bejgh; ezempju iehor huwa meta l-eredi ma jaghtix il-kunsens tieghu ghallimissjoni fil-pussess ta’ legat. It-tieni cirkostanza msemmija fl-artikolu 10 huwa jekk l-eredi jipprova jattakka xi parti ta’ t-testment bhal meta eredi jipprova jhassar disposizzjoni jew jipprova jattakka l-validita` stess tat-testment. It-tielet cirkostanza – dik li fuqha l-atturi qeghdin jimpernjaw l-azzjoni tal-lum – hija jekk l-eredi jaqla` l-inkwiet.

“Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi l-inkwiet li ghalih kienu qeghdin jirreferu t-testaturi mhuwiex inkwiet ta` natura generali, anke personali ta` xi hadd mill-eredi, izda kellu jkun inkwiet **relatat u attinenti** ghat-testment u ghall-effetti tieghu nkluza d-divizjoni tal-wirt – fejn generalment jinqala` l-inkwiet.

“Bhala prova ghall-fini tal-artikolu 10, l-atturi qeghdin jirreferu ghaz-zewg atti ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fejn il-konvenuta ipotekat is-sehem taghha ta’ wiehed minn ghaxra tad-dar residenzjali ta’ ommha. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li l-ipoteka li ghamlet il-konvenuta holqot hafna ansjeta` u preokkupazzjoni fil-familja taghha – izda dan mhuwiex it-tip ta’ inkwiet li kien intiz bl-artikolu 10.

**“Decide**

**“Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi. Minhabba c-cirkostanzi specjali u partikolari ta` dan il-kaz, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.”**

## Rikors tal-Appell tal-atturi (14.04.2014):

3. L-atturi ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u

għalhekk interponew dan l-appell minnha.

4. L-aggravju tagħhom bażikament jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti qieset li l-"*inkwiet*" li ħolqot il-konvenuta Joanne Debattista ma kienx l-"*inkwiet*" ikkontemplat fil-klawsola numru 10 tat-testment tat-2 ta' April 2004 ta' Angela u Joseph Debattista, li jipprovdi li jekk xi ħadd mill-werrieta "jaqla l-inkwiet" huwa jiddekadi mill-benefiċċji kollha mħollija lilu fit-testment u jieħu biss il-leġittima.

5. Jargumentaw illi l-konvenuta (li kienet tilgħab il-flus u tissellef bl-użura) effettivament qalgħet l-"*inkwiet*" kif kontemplat fil-klawsola numru 10 tat-testment, għaliex wara li ikkostitwiet ruħha debitriċi ikkostitwiet ipoteki speċjali fuq sehem minn fond li huwa inkluż fl-eredita`; fatt li wassal għall-intavolar ta' żewġ kawżi:

- **432/2010/AE**: **Angela Debattista et v. Joanne Debattista et** u

- **910/2010/JZM**: **Angela Debattista et v. Joanne Debattista et.**

6. Isostnu li dawn iż-żewġ episodji jikkostitwixxu l-"*inkwiet*" li jissemma fil-klawsola numru 10 tat-testment, għaliex il-wirt li ħalla missierhom Joseph Debattista li altrimenti kien liberu u frank u mhux mgħobbi bi djun jew piżijiet, ġie mittiefes da parti tal-konvenuta.

7. Jenfasizzaw li l-klawsola numru 10 bl-ebda mod ma tillimita t-tip ta' inkwiet li għalih jagħmlu riferenza t-testaturi; u fi kwalunkwe każ jargumentaw illi anke kieku kellu jingħad li l-inkwiet kien fil-fatt limitat għall-wirt, l-aġir tal-konvenuta fil-fatt huwa relatat mal-wirt, dan għaliex bl-ipoteki ikkostitwiti minnha ġie li iggravat proprjeta` li ma kinitx tagħha, la fis-sħiħ u lanqas in parti, iżda li kienet inkluża fl-eredita` indiviża u illikwida ta' Joseph Debattista; u inoltre, fir-rigward tal-attriċi Angela Debattista (omm l-atturi l-oħra u omm il-konvenuta), din għandha d-dritt ta' użu u abitazzjoni fuq il-fond in kwistjoni, li kien ser jispiċċa mibjugħ bis-subbasta b'mod li jiġu preġudikati l-jeddijiet tagħha.

B'hekk, ikomplu jargumentaw, il-konvenuta ħolqot inkwiet reali u attwali, inkluża f'kull eventwali diviżjoni li tista' ssir jew tintalab.

<u>**Risposta tal-Appell tal-kuraturi deputati għall-assenti konvenuta Joanne Debattista (25.06.2020):**</u>

8. Il-kuraturi deputati l-Av. Fransina Abela u l-P.L. Luisa Tufigno wieġbu biex jgħidu li f'dan l-istadju mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor, jekk ikun il-każ. Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020 huma (flimkien mad-difensur tal-atturi) <u>iddikjaraw li l-appell jista' jibqa' għas-sentenza.</u>

**Kwadru tal-Fatti:**

9. L-attriċi Angela Debattista tiġi omm il-konvenuta Joanne Debattista, u l-atturi l-oħra, Nazzareno, Godwin, Ronald u Isabelle jiġu ħutha.

10. Il-missier, Joseph Debattista, miet fis-6 ta' Ottubru 2004[1], u sitt xhur qabel (fit-2 ta' April 2004)[2] kien għamel l-aħħar testment tiegħu (*unica charta ma' martu*). Il-ħames ulied ġew nominati bħala l-eredi universali tagħhom u lis-superstiti fost il-konjuġi (f'dan il-każ Angela Debattista) tħallew l-użu u l-użufrutt tal-assi. Fost il-beni li ħalla Joseph Debattista, hemm nofs ($^1/_2$) indiviż ta' villa fil-Qawra bl-isem ta' "*La Brise Marine*", li allura kull wieħed mill-ħamest uliedu għandhom sehem ta' $^1/_{10}$ indiviż minnha filwaqt li Angela Debattista, l-omm, għandha l-użu u l-użufrutt. Il-ġid ta' Joseph Debattista għadu mhux maqsum.

11. Fl-2009 il-konvenuta Joanne Debattista ikkostitwixxiet żewġ ipoteki speċjali fuq is-sehem tagħha ta' $^1/_{10}$ fuq il-proprjeta` "*La Brise Marine*" liema ipoteki wasslu lil ommha u ħutha (l-atturi odjerni) biex jintavolaw żewġ kawżi għat-tħassir tagħhom. Il-kawżi relattivi għal dawn iż-żewġ ipoteki, liema kawżi huma issa ***res judicata***, huma s-segwenti:

[1] Ċertifikat tal-mewt a fol 6
[2] Testment, fol 7 et seq

**(i) <u>Il-kawża 432/2010/AE - rigwardanti l-ipoteka nru I4683/2009</u>:**

**Angela Debattista, Nazzareno sive Rennie Debattista, Godwin Debattista, Ronald Debattista u Isabelle Debattista, ilkoll aħwa Debattista - v. - Joanne Debattista u Braden Mamo; u b'dikriet tal-10 ta' Ġunju 2011 l-Avukat Christian Grima nħatar kuratur biex jidher f'isem Joanne Debattista.**

Fl-20 ta' Marzu 2009, Joanne Debattista kienet ikkostitwixxiet ruħha debitriċi ta' **Braden Mamo** fis-somma ta' **€26,000**. Bħala garanzija tat ipoteka speċjali fuq is-sehem tagħha ta' $^{1}/_{10}$ fuq il-fond tal-Qawra bl-isem ta' "*Le Brise Marine*". Peress li baqgħet moruża, Mamo beda proċeduri għal bejgħ bl-irkant tas-sehem indiviż ta' $^{1}/_{10}$ fuq il-proprjeta` wara li rrenda eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Ġunju 2009. Konsegwentement ġie ordnat il-bejgħ bl-irkant.

Fid-29 ta' April 2010 ommha u ħutha fetħu l-kawża biex jitolbu t-tħassir tal-ipoteka speċjali kif ukoll it-tħassir tal-bejgħ fl-irkant.

**L-ewwel Qorti fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2012** qieset li minkejja li Joanne Debattista għamlet ftehim li permezz tiegħu tat ipoteka speċjali

fuq $^{1}/_{10}$ tal-fond, l-effetti tagħha baqgħu ma daħlux fis-seħħ ġialadarba l-wirt ma kienx għadu inqasam. Kompliet tgħid li għalhekk jiġi li l-ipoteka ngħatat b'kondizzjoni, u għalhekk l-ipoteka tkun effikaċi biss jekk il-fond jew sehem indiviż minnu jiġi assenjat lill-istess Joanne Debattista. Irriteniet li f'dak l-istadju kollox kien sospiż u l-garanzija kienet għadha bla saħħa. <u>Għalhekk laqgħet it-talba biex il-bejgħ bl-irkant jitħassar iżda ċaħdet it-talba biex tali ipoteka titħassar.</u>

**Din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2016** ikkonfermat tali pożizzjoni. <u>Irriteniet li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ħassret il-bejgħ fis-subbasta minħabba li l-ipoteka hija soġġetta għal kondizzjoni sospensiva</u>: u cioe` li l-immobbli jmiss lill-konvenuta Debattista fil-qsim tal-wirt, li bħal kull kondizzjoni oħra, ikollha effett *ex tunc* jekk u meta sseħħ, waqt li, jekk ma sseħħx, l-immobbli jitqies, fi kliem l-Artikolu 946 tal-Kodiċi Ċivili, li qatt ma kien tal-konvenuta Debattista. <u>Irriteniet ukoll li kienet ukoll korretta l-ewwel Qorti meta ċaħdet it-talba għat-tħassir tal-ipoteka</u> għax dan ikun ifisser li l-ipoteka ma jista' qatt ikollha effett *ex tunc* jekk isseħħ il-kondizzjoni, u dan mhux kompatibbli ma dak li ġie ritenut dwar l-eżistenza tal-ipoteka taħt kondizzjoni sospensiva.

**(ii) <u>Il-kawża 910/2010/JZM – rigwardanti l-ipoteka nru I3053/09:</u>**

**Angela Debattista u Nazzareno sive Rennie Debattista, Godwin**

**Debattista, Ronald Debattista u Isabella Debattista lkoll aħwa Debattista - v. - Joanne Debattista u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2019 ġew nominati l-Avv. Dr. Christopher Chircop u P.L. Liliana Buhagiar bħala kuratriċi deputati għall-assenti konvenuta Joanne Debattista; u Carmel Zammit u martu Emanuela Zammit din tal-aħħar għal kull interess li jista' jkollha.**

Fl-20 ta' Frar 2009, Joanne Debattista kienet ikkostitwixxiet ruħha debitriċi ta' **Carmel Zammit** fis-somma ta' **€170,000**. Bħala garanzija tat ipoteka speċjali fuq is-sehem tagħha ta' $^{1}/_{10}$ fuq il-fond tal-Qawra bl-isem ta' "*Le Brise Marine*".

Fit-13 ta' Settembru 2010 ommha u ħutha fetħu l-kawża biex jitolbu t-tħassir tal-ipoteka speċjali, dan għaliex sostnew li ladarba l-ġid tal-missier għadu ma nqasamx, tali iskrizzjoni ta' ipoteka ma setgħetx issir validament.

**L-ewwel Qorti fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2014** laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta li s-self kien affett bl-illeċitu stante li kien kolpit bl-użura. Għalhekk irriteniet li l-obbligazzjoni hija nulla u bħala konsegwenza anke l-ipoteka kienet nulla. Hija laqgħet it-talbiet tal-atturi u ordnat it-tħassir tal-ipoteka.

**Din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2020** ikkonfermat tali deċiżjoni.

12. Minn dan kollu għalhekk jirriżulta li:

- l-ipoteka speċjali favur Carmel Zammit bin-numru **<u>I3053/09</u>** (għal €170,000) ġiet i**kkanċellata** u għalhekk m'għadhiex teżisti, filwaqt li;

- l-ipoteka speċjali favur Braden Mamo bin-numru **<u>I4683/09</u>** (għal €26,000) hija **soġġetta għal kondizzjoni sospensiva**, cioe` jekk meta jinqasam il-wirt il-fond "*Le Brise Marine*" imissx lill-konvenuta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

13. Permezz tal-klawsola numru 10 tat-testment tat-2 ta' April 2004 it-testaturi konjuġi Debattista ddikjaraw illi f'każ li xi ħadd mill-eredi:

(i) ma jagħtix il-kunsens tiegħu meta jkun meħtieġ; u/jew

(ii) jipprova b'xi mod jattakka kwalunkwe parti tat-testment; u/jew

(iii) jaqla' l-inkwiet

huwa jiddekadi mill-benefiċċji kollha u jieħu biss il-leġittima.

14. Omm u ħut il-konvenuta Joanne Debattista intavolaw il-kawża odjerna għaliex skont huma, bl-ipoteki speċjali li hija kkostitwiet fuq is-sehem tagħha ta' $^{1}/_{10}$ mill-fond "*Le Brise Marine*" qalgħet l-"*inkwiet*" kif kontemplat fil-klawsola nru. 10 tat-testment *unica charta* tal-2004 u konsegwentement jiġi li ddekadiet mill-benefiċċji kollha mħollija lilha fit-testment (prelegat ta' Lm40,000 u s-sehem tagħha bħala werrieta) u hija intitolata biss għal-leġittima.

15. L-ewwel Qorti pero`, kienet tal-fehma li l-"*inkwiet*" li għalih kienu qegħdin jirreferu t-testaturi konjuġi Debattista ma kienx inkwiet ta' natura ġenerali, anke personali ta' xi ħadd mill-eredi, iżda inkwiet relatat mat-testment u għall-effetti tiegħu, inkluż id-diviżjoni tal-wirt, fejn ġeneralment jinqala' l-inkwiet. Hija irriteniet li għalkemm bl-ipoteka li għamlet il-konvenuta ħolqot ħafna ansjeta` u preokkupazzjoni fil-familja, dan ma kienx it-tip ta' "*inkwiet*" ikkontemplat fil-klawsola numru 10.

16. L-atturi ħassewhom aggravati b'din il-konklużjoni u għalhekk intavolaw dan l-appell. Bażikament isostnu illi l-*"inkwiet"* li jissemma fil-klawsola 10 huwa in ġenerali u <u>mhux limitat għat-testment</u>, u jsostnu li anke kieku kellu hekk jitqies jibqa' l-fatt li bl-aġir tagħha l-konvenuta ggravat il-fond <u>formanti parti mill-assi tat-testaturi</u>, li fuqu l-attriċi għandha dritt ta' użu u abitazzjoni.

17. Din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma tarax lok għaliex għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

18. It-tielet ċirkostanza kontemplata fil-klawsola 10, (cioe` fejn xi ħadd mill-eredi "*jaqla' l-inkwiet*") jidher li ddaħħlet biex tkopri kwalsiasi ċirkostanza li ma taqax taħt iż-żewġ ċirkostanzi speċifiċi l-oħra (cioe` fejn xi ħadd mill-eredi *"ma jagħtix il-kunsens meta meħtieġ"*, jew "*jipprova jattakka kwalunkwe parti"* tat-testment); **iżda din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, qed tifhem li dan dejjem fl-ambitu tat-testment u tal-qsim tal-assi mertu tat-testment, u mhux "*inkwiet*" in ġenerali**, u dan bl-applikazzjoni tal-principju tal-*eiusdem generis* fejn jidher li t-testatur ried li l-inkwiet li jirreferi ghalih kien wiehed relatat u in konnessjoni mat-testment u l-qsim tal-wirt kif ried it-testatur.

19. Għalkemm l-ipoteki li l-konvenuta iskriviet kienu fuq proprjeta` li tifforma parti mill-assi mertu tat-testment (fuq il-fond "*Le Brise Marine*") hija għamlithom fuq is-sehem tagħha ta' $^{1}/_{10}$ bħala werrieta ta' missierha. B'li għamlet ma kinitx qed tipprova tieħu xi ħaġa li mhix tagħha, jew tipprova tmur kontra x-xewqat tat-testaturi. Inoltre, kwantu għall-ipoteka favur Carmelo Zammit fl-ammont ta' €170,000 din issa ġiet ikkanċellata, u kwantu għall-ipoteka favur Braden Mamo fl-ammont ta' €26,000 din issa ġiet dikjarata bħala sospiża, effettiva biss f'każ li l-fond imiss lill-istess konvenuta meta l-wirt jiġi diviż. Veru li biex ġie deċiż dan kollu l-atturi kellhom jagħmlu l-kawżi fuq imsemmija, u din il-Qorti tifhem li

neċessarjament għaddew minn "*inkwiet*" konsiderevoli, iżda ma jidherilhiex li dan jikkwalifika bħala l-"*inkwiet*" li jissemma fil-klawsola nru. 10 tat-testment. Rilevanti ħafna kienet l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti fejn qalet li fiż-żmien li sar it-testment il-konvenuta kienet diġa` ilha bil-vizzju tal-logħob[3] u li allura kieku riedu jieħdu xi miżura f'dan ir-rigward ma kinux iħallu għall-interpretazzjoni jekk tali vizzju (u ovvjament dak kollu li jġib miegħu) kienx jgħodd bħala "*inkwiet*" għall-fini tal-klawsola numru 10, u kienu jeskluduha mill-ewwel bħala werrieta.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

21. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm

[3] Skont ommha stess, l-attriċi Angela Debattista, il-konvenuta Joanne Debattista kien ilha b'dan il-vizzju minn meta kellha 20 sena, u għalhekk ladarba twieldet fl-1974, jiġi li bdiet bil-vizzju għall-ħabta tas-sena 1994 - cioe` 10 snin qabel ma sar it-testment.